MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta tal-11 ta' Marzu, 2003

Appell Kriminali Numru. 277/2002

**Il-Pulizija**

**v.**

**Ronald Azzopardi**
*-- omissis --*

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva (permezz ta' att ta' citazzjoni) kontra Ronald Azzopardi, Giosue` Gauci u Christopher sive Chris Gauci talli bejn l-1 ta' Gunju, 2000 u t-30 ta' Awissu, 2001 b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, fil-kapacita` taghhom bhala diretturi tas-socjeta` "O'Connors (Malta) Limited", approprijaw, billi dawru bi profitt ghalihom jew ghal persuna ohra, is-somma ta' Lm22,689.05 migbura mis-socjeta` bhala dhul f'taxxa dovuta lill-Gvern ta' Malta, liema somma giet fdata jew ikkonsenjata lilhom taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-

radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, jew minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, kariga jew servizz taghhom, u dan bi ksur ta' l-Artikoli 18, 293, 294 u 310(1)(a) tal-Kodici Kriminali;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-6 ta' Novembru, 2002 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmija tlett imputati hatja skond l-imputazzjoni kif dedotta u lliberathom skond l-Artikolu 9 tal-Kap. 152 bil-kundizzjoni li ma jikkommettux reat iehor fi zmien tmintax-il xahar;

Rat ir-rikors ta' appell ta' **Ronald Azzopardi**, minnu ppresentat fit-18 ta' Novembru, 2002, li permezz tieghu talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza ta' nhar il-Gimgha, 28 ta' Frar, 2002; ikkunsidrat:

Apparti mill-aggravju migjub mill-appellant – u cioe` li hu qatt ma ammetta l-imputazzjoni u anqas inghata l-opportunita` mill-ewwel qorti li jippresenta l-kaz tieghu – din il-Qorti *ex officio* qed tissolleva n-nullita` tas-sentenza appellata peress li l-qorti inferjuri ma kienitx kompetenti li tghaddi ghas-sentenza kif effettivament ghamlet fis-6 ta' Novembru, 2002. L-imputazzjoni tipotizza r-reat ta' approprjazzjoni indebita b'dan li l-hsara kienet ta' aktar minn hames mitt lira. Issa, anke jekk wiehed japplika, kif effettivament ghandu japplika, l-Artikolu 310(1)(a) kif dan kien <u>qabel</u> l-emendi li gew fis-sehh fil-Kodici Kriminali f'Mejju tas-sena l-ohra[1], il-massimu tal-piena ghar-reat kif ipotizzat jitla' ghal tlett snin[2]. Dan ifisser li r-reat kien wiehed li jezorbita mill-kompetenza originali tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali (Art. 370(1), Kap. 9), u ghalhekk kien reat li dwaru kellha ssir kumpilazzjoni (Art. 389). Ma kienx il-kaz li l-ewwel qorti setghet tipprocedi skond l-Artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali, u dan peress li ma jirriusltax li l-Avukat Generali

[1] L-approprjazzjoni indebita allegatament saret bejn Gunju, 2000 u Awissu 2001, mentri l-emendi gew fis-sehh fl-1 ta' Mejju, 2002.
[2] Sena skond l-Artikolu 294, b'zieda ta' tlett gradi skond l-Artikolu 310(1)(a).

ta l-kunsens tieghu bil-miktub sabiex il-kaz jitmexxa sommarjament. Anqas ma kien il-kaz li l-ewwel qorti kienet kompetenti taht is-subartikolu (6) ta’ l-Artikolu 370, ghax ma kien hemm ebda ammissjoni (ara l-verbal ta’ l-udjenza tas-6 ta’ Novembru, 2002, fol. 12); u fi kwalunkwe kaz, anke li kieku kien hemm ammissjoni din trid issir fil-kors ta’ l-ezami ta’ l-imputat – ezami li ma sarx – u trid tigi segwita skrupolosament il-procedura traccjata fl-Artikolu 392A. Thares kif thares lejn il-procedura addottata mill-ewwel qorti, din kienet wahda zbaljata – l-ewwel qorti kellha tipprocedi bhala Qorti Istruttorja u mhux bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali. Ghalhekk is-sentenza, in kwantu tirrigwarda lill-appellant Ronald Azzopardi, hija nulla u l-proceduri jridu jsiru mill-gdid (Art. 428(1), Kap. 9).

Ghall-motivi premessi din il-Qorti thassar u tannulla s-sentenza appellata ghal dak biss li jirrigwarda lill-appellant Ronald Azzopardi, tqieghed lill-imsemmi appellant fil-posizzjoni li kien fiha minnufih qabel ma bdiet tinstema’ l-kawza kontra tieghu fis-6 ta’ Novembru, 2002, u tibghat l-atti lura lill-Qorti tal-Magistrati sabiex din tipprocedi fil-konfront ta’ l-istess Ronald Azzopardi skond il-ligi.

--------------------------------TMIEM--------------------------------